BANK ĊENTRALI EWROPEW

8 ta’ Ġunju 2004

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA’ KULL ĠIMGĦA TA’ L-EWROSISTEMA nhar l-4 ta’ Ġunju 2004

### I. Kategoriji mhux relatati ma’ operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet nhar l-4 ta’ Ġunju 2004 il-pożizzjoni netta ta’ l-Ewrosistema fil-munita barranija (kategoriji 2 u 3 ta’ l-attiv nieqes il-kategoriji 7, 8 u 9 tal-passiv) naqset b’EUR 0.1 biljun għal EUR 175.2 biljun minħabba transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll.

It-**titoli** li jistgħu jiġu nnegozjati miżmumin mill-Ewrosistema maħruġin minn residenti taż-żona ta’ l-ewro u denominati f’ewro (kategorija 7 ta’ l-attiv) żdiedu b’EUR 0.1 biljun għal EUR 72.9 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (kategorija 1 tal-passiv) żdiedu bi EUR 3.8 biljun għal EUR 447.4 biljun. Il-**passività lejn l-amministrazzjoni pubblika** (kategorija 5.1 tal-passiv) naqset b’EUR 0.7 biljun għal EUR 57.5 biljun.

### II. Kategoriji relatati ma’ l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta’ l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu (kategorija 5 ta’ l-attiv nieqes il-ħames kategoriji 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) żdied b’EUR 5.6 biljun għal EUR 310 biljun. Nhar l-Erbgħa, 2 ta’ Ġunju 2004, immaturat **operazzjoni ewlenija ta’ finanzjament mill-ġdid** ta’ EUR 232.5 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta’ EUR 236 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta’ self marġinali (**kategorija 5.5 ta’ l-attiv) kien ta’ EUR 0.1 biljun (meta mqabbel ma’ EUR 0.6 biljun fil-ġimgħa ta’ qabel), filwaqt li r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (kategorija 2.2 tal-passiv) ammonta għal Eur 0.1 biljun (meta mqabbel ma’ EUR 2.8 biljun fil-ġimgħa ta’ qabel).

## III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro

B'riżultat tat-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Ewrosistema (kategorija 2.1 tal-passiv) żdiedet b'EUR 3.2 biljun għal EUR 139.1 biljun.

**Bank Ċentrali Ewropew**
Taqsima Stampa u Informazzjoni
Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main
Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404
Internet: http://www.ecb.int
**Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.**

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 4 ta' Ġunju, 2004

(EUR miljuni)

| Attiv | Bilanċ fis-<br>4 ta' Ġunju, 2004 | Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel qabel mħabba t- |
|---|---|---|
| 1 Deheb u krediti f'deheb | **136,160** | ***0*** |
| 2 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija | | |
| 2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI | 29,527 | *-57* |
| 2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment<br>Self barrani fiss u assi oħra barranin | | |
| external loans and other external assets | 143,788 | *393* |
| | **173,315** | ***336*** |
| 3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija | **16,223** | ***-452*** |
| 4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro | | |
| 4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss | 7,668 | *269* |
| 4.2 Talbiet li jirrżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II | 0 | *0* |
| | **7,668** | ***269*** |
| 5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'ewro | | |
| 5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament | 235,999 | *3,500* |
| 5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal | 75,000 | *0* |
| 5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' *fine-tuning* | 0 | *0* |
| 5.4 *Reverse operations* ta' tip strutturali | 0 | *0* |
| 5.5 Faċilità ta' self marġinali | 132 | *-511* |
| 5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal ħlas jew ġbid marġinali | 16 | *-8* |
| | **311,147** | ***2,981*** |
| 6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro | **737** | ***-175*** |
| 7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro | **72,923** | ***90*** |
| 8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'ewro | **42,557** | ***0*** |
| 9 Assi oħra | **109,384** | ***-185*** |
| **Assi Totali** | **870,114** | ***2,864*** |

| Passiv | Bilanċ fis-<br>4 ta' Ġunju, 2004 | Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- |
|---|---|---|
| 1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | **447,414** | ***3,758*** |
| 2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'ewro | | |
| 2.1 Kontijiet kurrenti | | |
| | 139,139 | *3,177* |
| (li jkopru s-sistema ta' riservi minimi | | |
| 2.2 Faċilità ta' depożitu | 129 | *-2,629* |
| 2.3 Depożiti fissi | 0 | *0* |
| 2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' *fine-tuning* | 0 | *0* |
| 2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew ġbid marġinali | 6 | *1* |
| | **139,274** | ***549*** |
| 3 Other liabilities to euro area credit institutions denominated in euro | **302** | ***0*** |
| 4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa | **1,054** | ***0*** |
| 5 Obbligazzjonijiet lill residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro | | |
| 5.1 L-amministrazzjoni pubblika | 57,482 | *-740* |
| 5.2 Obbligazzjonijiet oħra | 6,092 | *268* |
| | **63,574** | ***-472*** |
| 6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro | **7,829** | ***-178*** |
| 7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija | **278** | ***-42*** |
| 8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita | | |
| 8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra | 8,174 | *-18* |
| 8.2 Obbligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II | 0 | *0* |
| | **8,174** | ***-18*** |
| 9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' ġbid speċjali allokati mill-FMI | **5,924** | ***0*** |
| 10 Passiv ieħor | **55,897** | ***-734*** |
| 11 Kont tar-rivalutazzjoni | **80,604** | ***0*** |
| 12 Kapitali u riżervi | **59,790** | ***1*** |
| **Total tal-passiv** | **870,114** | ***2,864*** |

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji m'ħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqqsa sa l-eqreb numru sħiħ

Taqsima ta' l-Istampa u Informazzjoni, Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main, Tel: +49 69-13 44-74 55, Fax: +49 69-13 44-74 04